# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 779/19/1 FDP**

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited (C-365)**

**v.**

**Il-Bastiment M/T TURU reġistrat il-Panama bin-numru IMO8408777, u permezz ta' digriet datat 24 ta' Ġunju 2020, ġew maħtura Dr Graziella Tanti u l-prokuratur legali Peter Paul Sammut bħala kuraturi deputati għall-istess bastiment, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, id-Direttur Ġenerali (Qrati), KS Shipping Malta Limited (C-54305), u Pendennis Company Limited għal kull interess li jista' jkollhom (C 63886)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi Mediterranean Trading Shipping Co. Limited minn sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Novembru, 2022 fejn: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' KS Shipping Malta Limited u tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati billi ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali; (iii) laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u ta' Pendennis Company Limited; u (iv) ċaħdet it-talbiet tal-kumpanija attriċi, bl-ispejjeż kontriha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-9 ta' Awwissu, 2019, il-kumpanija attriċi Mediterranean Trading Shipping Co Limited fissret illi hija kreditriċi tal-bastiment intimat M/T TURU fl-ammont ta' €117,712.68. Tgħid li dan il-kreditu sar titlu eżekuttiv permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar it-23 ta' Lulju, 2018, fl-ismijiet ***Mediterranean Trading Shipping Company Limited v. Il-Bastiment M/T Turu***. Tissokta tgħid li fost il-kredituri l-oħra tal-bastiment intimat M/T TURU hemm ukoll l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Tant huwa hekk illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar id-29 ta' Awwissu, 2018, fl-ismijiet l-***Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Il-Bastiment M/T TURU***, din tal-aħħar kisbet titlu eżekuttiv kontra l-bastiment konvenut fl-ammont ta' €38,669.45. B'riħet dan it-titlu eżekuttiv, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ppreżentat rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn talbet il-

bejgħ bl-irkant tal-bastiment konvenut. Il-kumpanija attriċi tgħid li dan ir-rikors ġie notifikat lill-bastiment konvenut permezz ta' notifika lil KS Shipping Malta Limited bħala l-allegat aġent tal-imsemmi bastiment.

3. Il-kumpanija attriċi tissokta tgħid li l-Qorti awtorizzat it-talba sabiex ikun hemm il-bejgħ bl-irkant permezz ta' digriet ta' nhar it-18 ta' Diċembru, 2018, u s-*sub hasta* bin-numru 18/2018 ġiet appuntata għas-16 ta' Jannar, 2019, b'dan illi l-avviż kellu jiġi notifikat lill-kredituri l-oħra tal-bastiment konvenut u ċjoè inkluża l-kumpanija attriċi. Però dan ma sarx. Effettivament il-bejgħ bl-irkant seħħ fis-16 ta' Jannar, 2019, u l-bastiment konvenut ġie liberat favur il-kumpanija konvenuta Pendennis Company Limited għall-prezz ta' €35,000, meta l-valur tal-bastiment kien ta' madwar €250,000.

4. Il-kumpanija attriċi ssostni li l-proċedura li wasslet għal-liberazzjoni tal-bastiment *de quo* hija nulla għal żewġ raġunijiet. Tgħid li fl-ewwel lok, in-notifika lid-debitur, jiġifieri l-bastiment konvenut saret permezz ta' KS Shipping Limited, li allegatament kienet l-aġent tal-istess bastiment, iżda dan mhuwiex minnu u għaldaqstant id-debitur stess ma kienx debitament notifikat bl-avviż tal-bejgħ bl-irkant. Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak ordnat mill-Qorti, skont id-digriet tat-18 ta' Diċembru, 2018, il-kredituri l-oħra, magħduda magħhom hija stess, ma kinux debitament notifikati bl-avviż illi kien ser iseħħ bejgħ bl-irkant u għaldaqstant hija ma kinitx

f'pożizzjoni li tipparteċipa fil-bejgħ bl-irkant u tilfet l-opportunità illi tagħmel offerti *animo compensandi* fl-ammont ta' €117,712.68, illi kien ammont illi jqarreb iktar lejn il-valur attwali tal-bastiment ta' madwar €250,000.

5. Il-kumpanija attriċi tisħaq li huwa ovvju li l-bejgħ bl-irkant kien proċeduralment difettuż u dan minħabba illi kien hemm użu ta' informazzjoni u indikazzjonijiet ħżiena, meta KS Shipping Malta Limited tniżżel bħala l-aġent tal-Bastiment u n-notifiki ma sarux kif meħtieġa mil-liġi u tisħaq li din il-proċedura għandha tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett. Tgħid li minħabba dan kollu, hija ġarrbet danni serji peress illi ma ngħatatx iċ-ċans illi teżerċita d-dritt tagħha illi tagħmel offerti matul il-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant u l-bastiment safa' mibjugħ għall-prezz miżeru ta' €35,000.

6. Għaldaqstant il-kumpanija attriċi ressqet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1) Tiddikjara illi l-proċedura ta' subbasta (mobbli) bin-numru 18/2018 fl-ismijiet "L-Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Il-Bastiment M/T Turu" hija leżiva tad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti, tant illi tali proċeduri ma setgħet qatt tiġi esegwita ġaladarba n-notifika lid-debitur u l-kredituri l-oħra ma sarux skont il-liġi.*
>
> *2) Tiddikjara illi l-istess proċeduri huma irriti u nulli stante illi kienu proċeduralment diffettużi.*
>
> *3) Konsegwentement tiddikjara illi l-liberazzjoni magħmula mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' din l-Onorabbli Qorti a favur il-konvenut Pendennis Company Limited hija nulla u bla effett u tordna l-kanċellament tal-istess liberazzjoni billi tagħti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *4) Konsegwentement tordna illi l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant għandu jseħħ mill-ġdid u dan ai termini tal-proċedura preskritta fil-liġi.*

*5) Tordna illi minħabba dan in-nuqqas fil-proċedura tal-bejgħ bis-subbasta, is-soċjetà rikorrenti soffriet danni.*

*6) Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa bħala kumpens għad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż u l-interessi legali kontra l-konvenuti illi huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

7. Il-kumpanija konvenuta KS Shipping Malta Limited wieġbet b'risposta maħlufa tal-24 ta' Settembru, 2019, fejn eċċepiet:

*«1.ILLI, fl-ewwel lok, il-kumpanija esponenti tirrileva li m'hijiex il-leġittimu kontradittur għall-ewwel (1), għat-tieni (2), għat-tielet (3) u għar-rabà (4) talba tal-kumpanija attriċi, u dan stante li hi ma ppartеċipatx fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant tal-bastiment intimat u, fil-fatt, lanqas ma kellha kreditu likwidu naxxenti minn titlu eżekuttiv jew obbligu kuntrattwali ai termini tal-Artikolu 333 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jintitolaha sabiex tressaq offerti animo compensandi. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, hi m'għandhiex interess ġuridiku dirett fil-ġudizzju li jimmerita l-preżenza tagħha bħala parti fil-proċedimenti ġudizzjarji odjerni.*

*2. ILLI, b'żieda mas-suespost, jiġi rrilevat li l-kumpanija esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur għall-ħames (5) u għas-sitt (6) talba tal-kumpanija attriċi, u dan stante li me jeżisti l-ebda ness bejn kwalunkwe danni allegati mill-kumpanija attriċi u bejn il-qadi tad-doveri tagħha, kif ukoll l-ebda ħtija konsegwenzjali da parti tagħha.*

*3. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat li, minn qari tar-Rikors Ġuramentat tal-kumpanija attriċi, m'huwiex ċar jekk il-kumpanija attriċi hijiex qed titlob il-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni da parti tal-konvenuti in via alternattiva, ossia fin-nuqqas tal-akkoljiment tal-ewwel erba' talbiet (4), jew jekk tali talbiet ġewx dedotti flimkien, u rrispettivament mill-akkoljiment, o meno, tal-ewwel erba' (4) talbiet.*

*F'dan ir-rigward, filwaqt li tirriżerva d-dritt tagħha li tressaq linji difensjonali u eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, il-kumpanija esponenti tirrileva li din l-inċertezza għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi ċċarata mill-kumpanija attriċi qabel is-smigħ tal-provi sabiex il-partijiet jitqiegħdu f'qagħda li jiddefendu ruħhom billi jressqu l-eċċezzjonijiet opportuni in limine litis.*

*4. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, u għal kull buon fini, il-kumpanija esponenti tirrileva li hi, bl-ebda mod, ma tista'*

*tinstab u/jew għandha tinstab responsabbli għal xi danni li setgħu ġew ikkaġunati lill-kumpanija attriċi, u dan stante li kienet ir-responsabbiltà, kif ukoll l-obbligu tal-kreditur eżekutant, li jindika d-dettalji relattivi għan-notifika tad-debitur, u li jsegwi n-notifika tal-avviż u tal-ordni relattivi għall-bejgħ bl-irkant tal-bastiment intimat (vide. fol. 14 u 17 tal-atti tas-Subbasta Nru. 18/18).*

*5. ILLI, fi kwalunke każ, jiġi rrilevat li l-kumpanija esponenti qatt ma ġiet nominata bħala aġent tal-bastiment intimat, u, fil-fatt, ipprestat biss is-servizzi tagħha lill-ekwipaġġ tal-istess bastiment bħala 'crewing aġent' sabiex tipprovdi l-għajnuna tagħha fid-dawl tas-sitwazzjoni umanitarja li kienet inħolqot b'konsegwenza tal-abbandun tal-istess bastiment barra mill-ibħra territorjali ta' Malta.*

*F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li: i) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma rreġistrat l-ebda notifika jew awtorizzazzjoni sabiex il-kumpanija esponenti tkun tistà taġixxi bħala aġent tal-bastiment intimat; ii) il-kumpanija esponenti ma rreġistrat l-ebda notifika taħt is-sistema PORTNETMALTA, kif, del resto kienet obbligata li tagħmel li kieku kienet bi ħsiebha taġixxi bħala aġent tal-bastiment intimat; iii) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta qatt ma rrilaxxjat fatturi, jew irreklamat xi ħlas fil-konfront tal-kumpanija esponenti, għar-rigward ta' port dues, berthing dues, pilotage services jew servizzi anċillari u konnessi.*

*6. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat li kumpanija esponenti qiegħda timmetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u, għal kull buon fini, mhijiex qed toġġezzjona għall-akkoljiment tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-rabà (4) talba, u dan stante li, fi kwalunkwe każ, hija għandha krediti x'tirreklama fil-konfront tal-bastiment intimat fl-ammont ta' tlieta u sittin elf, ħames mija u tmienja u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€63,598.27) rappreżentanti servizzi reżi a benefiċċju tal-ekwipaġġ tal-istess bastiment qua crewing aġent, liema kreditu, madankollu, għandu ma ġiex kanonizzat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri riżervati permezz ta' din ir-Risposta Ġuramentata u/jew permessi mil-Liġi.»*

8. Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u d-Direttur Ġenerali (Qrati) ressqu risposta maħlufa fil-25 ta' Settembru, 2009, li permezz tagħha wieġbu:

*«1. ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti mhumiex il-leġittimi kontradittturi għal-lanjanzi attriċi u ġew traxxinati f'dawn il-proċeduri*

*inutilment u għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*2. ILLI fil-meritu l-eċċipjenti jirrilevaw li t-talbiet attriċi huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt inter alia peress illi:*

*i. M'hemm xejn fil-proċeduri ta' subbasta u liberazzjoni de quo li b'xi mod jirrendi l-istess nulla kif qed jitolbu r-rikorrenti.*

*ii. Dato ma non concesso kwalsiasi nuqqasijiet allegati mir-rikorrenti jeħtieġ jiġu ppruvati mill-istess rikorrenti.*

*iii. Fi kwalunkwe każ l-involviment tal-eċċipjenti Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali kien biss dak li josserva l-ordnijiet tal-Qorti.*

*iv. Fir-rigward tan-notifika lil KS Shipping Limited qua aġent tal-bastiment jingħad li assolutament mhux kompitu tal-eċċipjenti li jivverifika jekk tali soċjetà hijiex o meno aġent tal-istess bastiment iżda kif inhu risaput huma l-partijiet infushom li huma responsabbli lil min iridu jinnotifikaw billi jindikaw il-persuni li jridu jiġu notifikati fil-formola appożita. Bl-istess mod, fir-rigward tal-persuni li kellhom jiġu notifikati bis-subbasta sta għall-eżekutant fil-proċeduri, li jindika lil min irid jinnotifika u kwindi kwalunkwe allegati nuqqasijiet mhumiex tort u wisq anqas responsabbilita tal-eċċipjenti li kwindi ma għandhomx jinstabu responsabbli għad-danni pretiżi mis-soċjetà rikorrenti;*

*v. Multo magis, fir-rigward tal-eċċipjent Direttur Ġenerali Qrati dan assolutament m'għandu u ma kellu ebda involviment fil-proċeduri tas-subbasta u liberazzjoni de quo.*

*vi. In ogni każ u dato ma non concesso kwalunkwè danni allegati jeħtieġ illi jiġu ppruvati skont il-Liġi.*

*vii. Illi bla preġudizzju l-eċċipjenti jissottomettu li fi kwalunkwe każ l-eċċipjenti m'għandhom qatt ibatu ebda danni u/jew spejjeż.»*

9. Il-kumpanija konvenuta Pendennis Company Limited wieġbet b'risposta maħlufa tat-18 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha wieġbet:

*«Illi fl-ewwel lok il-fatt illi l-mertu ta' din il-kawża ġa ġie deċiż minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet li ngħata wara li sar rikors mill-atturi fl-atti tal-istess subbasta.*

*Illi s-soċjetà eċċipjenti topponi bil-qawwa għat-talba li s-subbasta bin-numru 18/2018 titħassar, stante li tali subbasta hija valida fil-konfront tal-eċċipjenti li huma merament terzi għall-proċedura li saret mill-Qorti*

*u li favur tagħhom ġie liberat il-bastiment. L-affarijiet kollha li qed jillamentaw dwarhom ir-rikorrenti, l-eċċipjenti huma totalment estraneji għalihom - u kwindi bl-ebda mod ma jistgħu jiġu ppreġudikati jew puniti, jew lilhom negat dritt li ġa akkwistaw.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kieku stess legalment din il-Qorti ssib li kien hemm xi mankanza proċedurali fil-mod kif saret is-subbasta inkwistjoni, se mai l-atturi jkollhom biss azzjoni ta' danni kontra min kien responsabbli għal tali mankanza, u m'għandhiex tiġi annullata s-subbasta.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba tal-atturi għat-tħassir tas-subbasta, u sabiex tali subbasta terġa' ssir mill-ġdid, m'għadhiex possibbli, ġaladarba llum il-ġurnata s-soċjetà eċċipjenti biegħet il-bastiment lil terzi barra minn Malta.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. L-Awtorità tat-Trasport f'Malta, wara li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha, ressqet risposta maħlufa fit-28 ta' Frar, 2020, u wieġbet għall-pretensjonijiet attriċi hekk:

*«1. Illi l-Awtorità eċċipjenti ma jidhrilhiex illi kien hemm xi għelt proċedurali fis-subbasta nru 18/2018 u konsegwenzjali bejgħ tal-istess bastiment, u għalhekk kwalunkwe nuqqasijiet allegati jeħtieġ illi ppruvati mis-soċjetà attriċi;*

*2. Illi f'kull każ, l-involviment tal-Awtorità kien sempliċement li bis-saħħa ta' titlu eżekuttiv ottenut tramite sentenza kontra l-bastiment, l-Awtorità eċċipjenti pproċediet skont il-proċedura neċessarja ai termini tal-liġi billi intavolat rikors għal bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU liema rikors ġie degretat b'mod favorevoli fit-18 ta' Diċembru 2018. Minn hemm 'il quddiem, l-andament tal-proċedura ma jaqax fir-responsabbiltà tal-istess Awtorità;*

*3. Illi jingħad għalhekk illi, f'kull każ, kwalunkwe allegati nuqqasijiet mhumiex tort u wisq anqas responsabbiltà tal-Awtorità eċċipjenti li ma għandhiex tinstab responsabbli għad-danni pretiżi mis-soċjetà rikorrenti;*

*4. F'kull każ, kwalunkwe danni allegati jeħtieġ illi jiġu ppruvati.»*

11. Il-Kuraturi Deputati l-Avukata Graziella Tanti u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut wieġbu b'risposta maħlufa preżentata fit-30 ta' Ottubru, 2020, u qalu li ma kinux edotti mill-fatti u għalhekk irriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta aktar dettaljata hekk kif ikunu edotti mill-fatti.

12. Fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà KS Shipping Malta Limited u tad-Direttur Ġenerali, Qrati, fis-sens li mhumiex leġittimi kontradditturi u b'hekk ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, wara li laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u ta' Pendennis Company Limited.

13. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha sabiex tiddeċiedi l-kawża f'dan is-sens kienu dawn:

> *«22. Jirriżulta li permezz ta' sentenza deċiża fit-23 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet **Mediterranean Trading Shipping Company Limited v. Il-Bastiment M/T TURU**, fol 8 tal-proċess, is-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tal-bastiment M/T TURU fl-ammont ta' Ewro 117,712.68.*
>
> *23. Jirriżulta li l-Awtorità għat-Trasport hija wkoll kreditriċi tal-bastiment, u dan kif jidher mis-sentenza deċiża fid-29 ta' Awissu 2018 '**L-Awtorità tat-Trasport f'Malta v. Il-Bastiment M/T TURU**' (fol 13) fejn kisbet titlu eżekuttiv kontra l-bastiment M/T TURU fl-ammont ta' Ewro 38,669.45.*
>
> *24. Jirriżulta li sussegwentement abbażi ta' dan it-titlu eżekuttiv l-Awtorità tat-Trasport f'Malta intavolat rikors quddiem il-Qorti fejn talbet l-awtorizzazzjoni ta' bejgħ bl-irkant tal-bastiment.*
>
> *25. Jirriżulta li l-Qorti awtorizzat il-bejgħ bl-irkant b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2018 u s-subbasta numru 18/2018 ġiet appuntata għas-16*

*ta' Jannar 2019. Il-bejgħ bl-irkant sar fis-16 ta' Jannar 2019 u l-bastiment intimat ġie liberat a favur tal-konvenut Pendennis Company Limited C-63886 għall-prezz ta' Ewro 35,000.*

*26. Jirriżulta li sussegwentement, permezz ta' rikors ippreżentat fl-atti tas-subbasta numru 18/2018 u datat 22 ta' Jannar 2019, (fol 25 tal-atti tas-subbasta), is-soċjetà rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited talbet sabiex titħassar u tannulla l-bejgħ b'subbasta tal-bastiment M/T Turu lil George Zammit peress illi n-notifika tal-bastiment ma kienx skont il-Liġi kif ukoll peress illi l-avviż tas-subbasta ma ġiex notifikat lill-kulħadd.*

*27. Jirriżulta illi permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar 2019, il-Qorti ma laqgħetx it-talba tas-soċjetà rikorrenti fl-atti tas-subbasta 18/2018, stante li ġie ddikjarat li din mhijiex il-proċedura idoneja biex titħassar ladarba l-irkant seħħ u l-vapur ġie liberat favur is-sid il-ġdid. Għalhekk, is-soċjetà rikorrenti sussegwentement intavolat il-proċedura odjerna.*

***L-Ewwel eċċezzjoni preliminari ta' <u>KS Shipping Malta Limited</u> - Dwar il-Leġittimu Kontradittur***

*28. Tramite l-ewwel eċċezzjoni, ġie eċċepit, li KS Shipping Malta Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-ewwel erba' talbiet tas-soċjetà rikorrenti stante li hija ma pparteċipatx fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant tal-bastiment inkwistjoni, u lanqas ma kellha kreditu likwidu naxxenti minn titlu eżekuttiv jew obbligu kuntrattwali a tenur tal-Artikolu 333 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tressaq offerti animo compensandi.*

*29. Għalhekk, in vista tas-suespost, is-soċjetà KS Shipping Malta Limited qed tikkontendi li f'dan l-istadju, m'għandhiex interess ġuridiku dirett fil-ġudizzju li jimmerita li tkun parti fil-proċeduri odjerni.*

*30. Jiġi osservat, li huwa minnu s-soċjetà KS Shipping Malta Limited ma pparteċipatx fil-bejgħ bl-irkant iżda kienet biss notifikata, li ser isir il-bejgħ bl-irkant fl-atti tas-subbasta 18/2018. Konsegwentement, ma jistax jingħad li kien hemm rwol dirett fil-parteċipazzjoni tal-proċedura b'subbasta, kwindi l-karenza tal-interess ġuridiku neċessarju kif tajjeb sollevat mis-soċjetà KS Shipping Malta Limited.*

*31. Il-fatt li s-soċjetà KS Shipping Malta Limited ma kellha l-ebda kreditu naxxenti minn obbligu kuntrattwali jew titlu eżekuttiv, ikompli jindika l-karenza ta' interess ġuridiku fil-proċedura ta' subbasta inkwistjoni, ossija Numru 18/2018.*

*32. Għaldaqstant, ikkunsidrati l-ewwel erba' talbiet li huma konnessi u li jitkellmu kollha dwar l-allegazzjoni li l-proċedura ta' subbasta 18/2018 kienet leżiva għas-soċjetà rikorrenti, b'hekk konsegwentement fit-talbiet li jsegwu qed tintalab in-nullità tas-subbasta esegwita, u li l-proċedura ta' bejgħ bl-irkant għandha ssir mill-ġdid, dawn it-talbiet*

*m'għandhomx l-ebda impatt dirett fuq is-soċjetà KS Shipping Malta Limited, b'hekk m'hemmx ir-relazzjoni ġuridika neċessarja sabiex KS Shipping Malta Limited tkun parti f'din il-proċedura.*

*33. Konsegwentement, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà KS Shipping Malta Limited, tiddikjara li mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet kif dedotti, u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.*

***L-Ewwel eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u tad-Direttur Ġenerali (Qrati) – Dwar il-Leġittimu Kontradittur.***

*34. Fl-ewwel eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u d-Direttur Ġenerali (Qrati) mhumiex il-leġittimi kontradittturi għall-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti u ġew traxxinati inutilment f'dawn il-proċeduri, għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*35. Il-Qorti tosserva illi ma mhuwiex korrett li jingħad li r-Reġistratur ma kellux involviment fil-proċedura ta' subbasta mertu ta' din il-vertenza ossia numru 18/2018. L-istess, madanakollu, ma jistax jingħad għal dak li jirrigwarda id-Direttur Ġenerali Qrati, fejn, mill-banda l-oħra, huwa minnu illi m'għandux involviment dirett fil-proċedura ta' bejgħ bl-irkant.*

*36. Għaldaqsant, din il-Qorti qed tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, filwaqt illi tilqgħu għal dak illi jirrigwarda d-Direttur Ġenerali (Qrati).*

***Mertu tal-każ***

*37. Is-soċjetà rikorrenti qed tikkontendi li r-rikors intavolat mill-Awtorità tat-Trasport kontra l-bastiment M/T TURU, ma ġiex notifikat kif trid il-Liġi u għalhekk, permezz tal-proċedura odjerna, qed tattakka s-subbasta numru 18/2018 li biha inbiegħ l-imsemmi bastiment lil Pendennis Company Limited. L-ilment tas-soċjetà rikorrenti huwa dwar in-notifika fil-proċedura ta' subbasta, għaliex qed jiġi allegat li:*

*a. in-notifika lill-bastiment ma sarx skont il-Liġi peress illi saret lis-soċjetà KS Shipping Limited illi ma kinitx aġent tal-bastiment, u*

*b. in-notifika lid-debitur u lill-kredituri l-oħra ma saritx skont il-liġi.*

*38. Jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi kif għandha ssir in-notifika fl-Artikolu 187(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:*

> *"Fil-każ ta' azzjoni kontra bastiment u inġenji oħra tal-baħar, in-notifika issir billi tingħata kopja tal-iskrittura lill-kaptan jew lil kull min ikun jaqdi dawk id-drittijiet jew, fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, lill-aġent tal-bastiment jew ta' inġenji oħra, skont il-każ jew fin-nuqqas ta' dawk l-persuni jew aġent, lill-kuraturi li jinħatru mill-Qorti skont l-Artikolu 929;*

> *Iżda l-Qorti tista' wkoll tuża kull mezz ieħor li jidhrilha xieraq sabiex tgħarraf lil min għandu jiġi notifikat b'dik l-iskrittura."*

*39. Jirriżulta li r-rikors għat-talba għall-bejgħ b'subbasta ġie notifikat lil KS Shipping Malta Limited. Is-soċjetà rikorrenti qed tilmenta prinċipalment fuq din in-notifika stante li ssostni li KS Shipping Malta Limited ma kinitx l-aġent tal-bastiment.*

*40. Fil-fatt, is-soċjetà rikorrenti tkompli tilmenta, li ssibha ferm diffiċli kif ġiet notifikata KS Shipping Malta Limited bħala aġent tal-bastiment meta din lanqas kellha ċ-ċwievet tal-bastiment, u kif ikkonfermat fix-xhieda ta' Peter Paul Sullivan fix-xhieda tiegħu, li ċ-ċwievet tal-bastiment kienu għand is-soċjetà rikorrenti.*

*41. L-argument tas-soċjetà rikorrenti huwa ppernjat proprju fuq dan il-punt li KS Shipping Malta Limited ma kinitx l-aġent. Fil-fatt, is-soċjetà rikorrenti tirreferi għall-istess risposta ta' KS Shipping Malta Limited fejn ġie eċċepit li ma kinitx l-aġent tal-bastiment, kif ukoll saret referenza għax-xhieda ta' Keith Murphy, Direttur tas-soċjetà KS Shipping Malta Limited, li fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 ikkonferma li s-soċjetà KS Shipping ma kinitx aġent tal-bastiment.*

*42. Is-soċjetà rikorrenti kompliet tissottometti li ma tressqet l-ebda raġuni valida li tiġġustifika għaliex is-soċjetà rikorrenti, bħala kreditriċi fl-ammont ta' €117,712.68 ma ġietx notifikata, b'hekk qed jiġi sostnut li ma ġiex sodisfatt l-element rikjest fl-Artikolu 187(7) tal-Kap 12.*

*43. Madanakollu, mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti li l-avviż tas-subbasta numru 18/2018 ġie reklamat f'żewġ gazzetti lokali. Dak ikkontestat huwa li ma saritx in-notifika lis-soċjetà rikorrenti, u konsegwenza ta' hekk, qed tilmenta li tilfet id-dritt li tagħmel offerta animo compensandi a tenur tal-Artikolu 333 tal-Kap 12 u ġiet imċaħħda wkoll mid-dritt a tenur tal-Artikolu 315 tal-Kap 12.*

***Ikkunsidrat***

*44. Din il-Qorti tikkunsidra, li l-fatt, li s-subbasta 18/2018 ġiet reklamata f'żewġ gazzetti lokali, kien pass sabiex anke s-soċjetà rikorrenti stess, nonostante l-ilmenti tagħha, kellha tkun avżata bis-subbasta inkwistjoni.*

*45. Is-soċjetà KS Shipping fir-risposta u fis-sottomissjonijiet, sostniet li hija qatt ma ġiet nominata bħala aġent tal-bastment M/T TURU. Għalhekk, is-soċjetà KS Shipping Malta Limited matul din il-proċedura qed titfa' r-responsabbiltà fuq l-Awtorità tat-Trasport, li ma kellhiex raġuni għalfejn ma tinnotifikax lis-soċjetà rikorrenti, b'hekk ġie sostnut mis-soċjetà KS Shipping Malta Limited li l-Awtorità naqset milli tagħmel l-aċċertamenti u l-verifiki tagħha.*

*46. Is-soċjetà rikorrenti kompliet tilmenta li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal ibbaża l-bejgħ tal-imsemmi bastiment M/T TURU fuq informazzjoni mogħtija mill-Awtorità tat-Trasport, mingħajr ma vverifika kienx hemm kredituri oħra li kellhom interess fil-proċedura.*

*47. Jiġi osservat, li minn analiżi tal-atti tas-subbasta 18/2018, jidher evidentement, li fil-21 ta' Diċembru 2018 Mauro Bellizzi kien ġie notifikat għan-nom ta' KS Shipping Malta Limited (fol 17-18) bl-avviż u bis-smigħ tas-subbasta inkwistjoni.*

*48. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt li issa qiegħda taqbel mal-asserzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti illi n-notifika li saret fl-atti tas-subbasta 18/2018 kienet waħda ħażina, dana ma jirriflettix l-aġir minnha adoperat meta nbdew il-proċeduri, fejn, meta ġiet notifikata oriġinarjament, ma jidhirx li kienet saret oġġezzjoni da parti ta' KS Shipping Malta Limited minkejja l-fatt li hija ma kinitx nominata bħala aġent tal-bastiment.*

*49. Il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza wkoll għall-kwistjoni taċ-ċwievet tal-bastiment, fejn tirrileva li l-argument mressaq mis-soċjetà rikorrenti ma jreġix wisq fil-fatti u fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Is-soċjetà rikorrenti ssostni li kellha ċ-ċwievet tal-bastiment filwaqt illi soċjetà KS Shipping Malta Limited, sabiex taġevola l-verżjoni tal-fatti tas-soċjetà rikorrenti, issostni li l-Awtorità tat-Trasport kienet ben konsapevoli li ċ-ċwievet tal-bastiment kienu jinsabu għand is-soċjetà rikorrenti, b'hekk in-notifika kellha ssir lis-soċjetà rikorrenti.*

*50. Il-Qorti tirrileva, madanakollu, illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stqarret illi, kull meta kellha ssir xi manuvra ta' spustament tal-bastiment waqt illi dana kien irmiġġjat fuq il-mollijiet tal-Awtorità, hija kienet tikkomunika direttament mas-soċjetà KS Shipping Limited u l-manuvri neċessarji kienu jsiru bl-intervent tal-istess soċjetà KS Shipping Limited – dana l-fatt qatt ma ġie kkontestat mis-soċjetà KS Shipping Limited. Is-soċjetà rikorrenti, li tikkontendi li kienet aġent tal-bastiment, QATT ma kienet involuta f'tali korrispondenza mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

*51. Il-Qorti tosserva wkoll illi meta sar il-Mandat ta' Arrest tal-Bastiment M/T Turu fil-11 ta' Lulju 2018 mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, tali Mandat ġie debitament notifikat lis-soċjetà KS Shipping Limited bħala Aġent tal-bastiment, u ma jidhirx illi l-istess soċjetà KS Shipping Limited oġġezzjonat għal tali Mandat. Anzi.*

*52. Il-Qorti tqis illi, fejn jirrigwarda nuqqas ta' notifika tar-rikors tal-Awtorità datata 26 ta' Novembru 2018, dak li jrid jiġi mistħarreġ huwa xi tgħid preċiżament il-liġi fir-rigward ta' notifiki, fl-Artikolu 187 tal-Kap 12, u x'riżultanzi fattwali ġew ippruvati f'dan ir-rigward.*

*53. Jiġi puntwalizzat, li l-Artikolu 187(7) jgħid illi n-notifika għandha issir "lill-kaptan jew lil kull min jaqdi dawk id-dmirijiet, jew fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, l-aġent tal-bastiment."*

*54. Kif sollevat mill-Awtorità tat-Trasport fis-sottomissjonijiet, il-kelma 'kaptan' tinsab definita fil-Kap 425 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant 'kaptan' fil-liġi jinsab definit hekk: 'il-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix bdot.'*

*55. Għalhekk, mill-kliem tal-liġi, ma jirriżultax li huwa neċessarjament il-kaptan jew l-aġent tal-bastiment li jrid jiġi notifikat. Iżda, kull min għandu d-dmirijiet ta' kaptan u ta' kmand tal-bastiment jista' jiġi notifikat ukoll. Fil-fatt, Robert Vassallo fix-xhieda tiegħu spjega li jistgħu jiġu notifikati wkoll persuni li jmexxu, għandhom il-kmand u l-kontroll tal-bastiment.*

*56. Meta tqis iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ taħt eżami, jidher li KS Shipping Malta Limited kienet ikkomunikat mal-Awtorità tat-Trasport rigward il-bastiment u kellha kmand u responsabbiltà b'referenza għall-bastiment M/T TURU. Di più, kif osservat sewwa l-Awtorità tat-Trasport KS Shipping Malta Limited qatt ma kkontestat tali notifika meta saret. Jirriżulta wkoll li KS Shipping Malta Limited kienet saħansitra notifikata wkoll bil-mandat ta' arrest tal-bastiment numru 1124/2018.*

*57. Relevanti ħafna hija wkoll ix-xhieda ta' Keith Murphy, Direttur ta' KS Shipping Malta Limited li kkonferma fix-xhieda tiegħu, li kienu jgħaddu d-dokumenti u s-seaman's book lil Med Trading in rappreżentanza ta' Mr Sullivan. Huwa sostna wkoll li meta niżel l-aħħar crew member mill-bastiment M/T TURU, taw iċ-ċwievet kollha lil Med Trading, fatt minnu ri-konfermat fl-aħħar tax-xhieda tiegħu, meta reġa' kkonferma li wara li telaq l-ekwipaġġ mill-vapur – f'Diċembru 2018, - huma taw iċ-ċwievet lil Med Trading – madanakollu, jidher illi naqsu li jgħidu lis-soċjetà rikorrenti illi kienu rċevew atti għall-bastiment illi kienet ser issir subbasta.*

*58. Jirriżulta li s-soċjetà KS Shipping Malta Limited kienet qed tagħmel xogħol ta' 'crewing' b'referenza għall-bastiment M/T TURU, u kienet in kuntatt kontinwu mal-ekwipaġġ tal-vapur, b'hekk kienet qed taġixxi in rappreżentanza tal-ekwipaġġ kollu tal-bastiment. Fi kliemu Murphy stress, "aħna l-involviment tagħna kien min-naħa tas-sidien biex nipprovdu ekwipaġġ biex ikunu jistgħu jaħdmu."*

*59. Dwar in-notifika tas-subbasta u l-pubbliċità tagħha, il-Qorti tqis illi huwa sinjifikanti dak li qal Keith Murphy, meta qal meta jkun hemm subbasta, "it is the talk of the town aħna kif ngħidu…qed tifhem…kulħadd ikun jaf what is going on u niftakar li dakinhar stess tas-subbasta kont kellimt…ċempilt lil Mr Sullivan wara nofsinhar u għidtlu, isma…ma ġejtux illum."*

*60. Għalhekk, abbażi tal-fatti kollha kif fuq stabbiliti, jidher ċar illi n-notifika tar-rikors promotur għas-subbasta tas-26 ta' Novembru 2018 sar lis-soċjetà KS Shipping Limited illi kienet ċarament qiegħda topera għan-nom tal-baħħara kollha li kien hemm fuq il-bastiment u li ma għamlet ebda oġġezzjoni għal tali notifika meta hija rċeviet tali dokumentazzjoni.*

*61. Jidher ċar ukoll illi ma kien hemm ebda raġuni għaliex l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tqis illi s-soċjetà KS Shipping Limited ma kinitx l-aġent tal-bastiment, tant illi l-istess soċjetà KS Shipping Limtied kienet il-persuna li huma kienu jikkuntattjaw kull meta kien hemm problema bil-bastiment, u kienet l-istess soċjetà KS Shipping Limited li kienet oriġinarjament innotifikata bil-Mandat ta' Arrest, mingħajr ma saret ebda oġġezzjoni da parte tas-soċjetà KS Shipping Limited.*

*62. Jidher ċar ukoll illi s-soċjetà KS Shipping Limited kienet f'kuntatt kontinwu mas-soċjetà rikorrenti, iżda naqset milli tgħarraf lill-istess soċjetà rikorrenti li kienet irċeviet dokumentazzjoni in konnessjoni mal-bejgħ tal-bastiment.*

*63. Finalment, jirriżulta ċar illi, fil-mument li ġie ppreżentat ir-rikors għall-proċeduri ta' subbasta mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-bastiment M/T Turu kien fil-pussess effettiv tas-soċjetà KS Shipping Limited, peress illi hija kellha ċ-ċwievet tal-bastiment, liema ċwievet Murphy stess ikkonferma illi għadda lis-soċjetà rikorrenti f'Diċembru, ossija wara li kien ġie notifikat bl-atti tar-rikors tas-subbasta!*

*64. Dwar in-notifiki tal-Avviż għall-Bejgħ, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi n-notifiki saru skont il-Liġi, bil-pubblikazzjoni f'gazzetti lokali u fil-Gazzetta tal-Gvern, u għalhekk ma jistax jingħad illi tali pubblikazzjoni ma saritx skont il-Liġi, kif donnha qed tallega s-soċjetà rikorrenti.*

*65. Għalhekk, jidher ċar illi, l-bażi tal-azzjoni odjerna tas-soċjetà rikorrenti, ossija n-nullità tal-proċedura tas-subbasta illi saret fis-16 ta' Diċembru 2018, ma tirriżultax ippruvata, u għalhekk ma timmeritax illi tintlaqa'.»*

14. Il-kumpanija attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti b'rikors tal-21 ta' Diċembru, 2022, u ressqet erba' aggravji.

15. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet għall-appell tal-kumpanija u tat ir-raġunijiet tagħha għala dan għandu jiġi miċħud.

16. Permezz tat-tweġiba tagħhom, il-Kuraturi Deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-Bastiment M/T Turu, wieġbu li l-appell għandu jiġi miċħud u li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kollha mill-kumpanija attriċi.

17. Il-kumpaniji konvenuti appellati KS Shipping Malta Limited u Pendennis Company Limited ippreżentaw it-tweġibiet tagħhom li fihom taw ir-raġunijiet għala l-appell tal-kumpanija attriċi għandu jiġi miċħud. Għalkemm ir-rikors tal-appell ġie debitament notifikat lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u lid-Direttur Ġenerali (Qrati), dawn ma ressqu l-ebda risposta tal-appell.

18. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. Din hija kawża dwar proċeduri ta' bejgħ bl-irkant. Il-kumpanija attriċi tinsisti li l-proċedura li permezz tagħha nbiegħ il-bastiment konvenut u ġie

liberat favur terzi kienet milquta minn għelt proċedurali. Għaldaqstant qiegħda titlob dikjarazzjoni li l-proċeduri huma irriti u nulli u li l-liberazzjoni tal-bastiment favur il-kumpanija Pendennis Company Limited hija nulla u bla effett. Talbet għalhekk li jiġi ordnat li ssir proċedura tal-bejgħ mill-ġdid u talbet ukoll li tiġi mħallsa għad-danni.

20. L-appell tal-kumpanija attriċi jissejjes fuq erba' aggravji:

(i) Fl-**ewwel aggravju** tagħha, il-kumpanija appellanti tgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' KS Shipping Malta Limited li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tagħha peress li ma pparteċipatx fil-proċedura tal-bejgħ fl-irkant tal-bastiment M/T Turu mhux tajba. Sfiq ma' dan, fl-istess deċiżjoni, l-Ewwel Qorti qieset li l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant tal-bastiment kienet waħda valida, hekk kif il-kumpanija KS Shipping Malta Limited ġiet notifikata bħala l-allegat aġent tal-istess bastiment. Huwa ovvju għalhekk li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-validità tal-proċedura tal-bejgħ bl-irkant tistrieħ fuq il-validità tan-notifika milqugħa minn KS Shipping Malta Limited.

Filwaqt li għamlet referenza għall-ġurisprudenza fir-rigward, l-appellanti tisħaq li n-ness bejn il-kumpanija konvenuta KS Shipping Malta Limited u l-mertu tal-kawża dwar id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-bejgħ bl-irkant, inħolqot fil-mument li KS Shipping Malta Limited aċċettat in-notifika għall-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant f'isem u/jew bħala l-aġent tal-bastiment M/T Turu. Dan in-ness jidher aktar ċar meta l-Ewwel Qorti, b'apprezzament żbaljat tal-liġi, waslet għall-konklużjoni li KS Shipping Malta Limited kienet l-aġent tal-istess bastiment.

Il-kumpanija appellanti tistaqsi kif kumpanija, li hija allegatament l-aġent tal-bastiment soġġett għall-bejgħ bl-irkant, tkun determinanti għas-subbasta tal-bastiment, iżda fl-istess waqt jitqies li m'għandha l-ebda interess ġuridiku. Issostni li hekk kif il-kumpanija KS Shipping Malta Limited aċċettat in-notifika ħadet il-vesti tar-rappreżentanza tal-bastiment. Tisħaq li, il-ħsieb li huma l-kredituri tal-bastiment biss li għandhom interess ġuridiku fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant huwa ħażin, peress li l-bastiment innifsu u/jew ir-rappreżentanti tiegħu għandhom ukoll interess ġuridiku li ma jistax jitwarrab. Tkompli billi tispjega li, l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża jrid jiġi determinat skont il-mertu tal-kawża u ma jistax jingħad li ma hemmx interess ġuridiku fejn parti ser tiġi effettwata mit-talbiet attriċi biss b'mod parzjali.

Ġaladarba l-kumpanija appellata kellha rwol ewlieni fil-mertu tal-kawża (fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant) dan ma jistax ifisser ħlief li għandha l-interess ġuridiku meħtieġ, irrispettivament għal liema talbiet hija tista' tinstab responsabbli. Il-kumpanija appellanti targumenta li l-kumpanija appellata K.S Shipping Malta Limited ma tistax tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju meta bl-imġiba tagħha li taċċetta n-notifika tal-bejgħ bl-irkant tal-bastiment bħala aġent tal-istess bastiment, minkejja li ma kinitx aġent tal-bastiment u lanqas kellha r-rappreżentanza jew il-kmand tiegħu kkawżat danni lill-appellanti.

(ii) Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha, il-kumpanija appellanti tgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali (Qrati) li mhuwiex leġittimu kontradittur, hekk kif qieset li dan ma kellux involviment dirett fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant ma kinitx waħda siewja. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma eskluditx li dan il-konvenut għandu involviment indirett fil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant. L-appellanti tissokta tgħid li l-liġi tipprovdi li d-Direttur Ġenerali (Qrati) huwa responsabbli għat-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, inkluż ir-reġistri, arkivji u servizzi oħra (**Artikolu 3.3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.21**). Jinżel b'hekk li l-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati. Wara kollox, ir-rwol tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali huwa li jgħin lid-Direttur Ġenerali tal-Qrati (ara **Artikolu 3 (4) tal-istess regolamenti**). Għalhekk ma jistax jingħad li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandu interess ġuridiku u d-Direttur Ġenerali (Qrati) m'għandux, peress li għalkemm l-ewwel wieħed għandu rwol dirett u tat-tieni wieħed indirett, id-Direttur Ġenerali jibqa' responsabbli sabiex jiżgura li l-obbligazzjonijiet kollha tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jiġu eżerċitati skont il-liġi.

(iii) Fit-**<u>tielet aggravju</u>**, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-**Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd** (**Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta**) u tal-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** (**Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta**) u tal-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Filwaqt li tagħmel referenza għall-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tisħaq li l-liġi tipprovdi li l-uniċi persuni li jistgħu jaċċettaw notifika f'każ ta' azzjoni kontra bastiment huma: (a) il-Kaptan; (b) kull min jaqdi dmirijiet ta' Kaptan; (ċ) **fin-nuqqas ta' dawn il-persuni,** l-aġent tal-bastiment jew ta' inġenji oħra; u (d) kuraturi li jinħatru mill-Qorti skont l-**Artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Issostni li dan il-provvediment tal-liġi huwa ċar dwar min jista' jaċċetta notifika ta' azzjoni kontra l-bastiment. F'dan il-każ jirriżulta li n-notifika saret lil Mauro Bellizzi f'isem KS Shipping Malta Limited li la kienu l-kaptan u lanqas kienu qegħdin jaqdu d-dmirijiet ta' kaptan. Madankollu, l-Ewwel Qorti sostniet li n-notifika lill-bastiment kienet waħda valida.

Tgħid li l-Ewwel Qorti, żbaljat meta kkunsidrat li d-definizzjoni ta' Kaptan fil-konfront ta' KS Shipping Malta Limited meta għamlet

referenza għall-**Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta**) li jittratta l-bastimenti li jintużaw għas-sajd u mhux tankers, bħalma huwa fil-każ odjern il-bastiment M/T Turu li ma jintużax għas-sajd. Madankollu, l-Ewwel Qorti, meta tikkwota d-definizzjoni ta' Kaptan fil-fatt tislet it-tifsira mogħtija fl-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta),** jiġifieri l-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu f'dak iż-żmien. L-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li KS Shipping Malta Limited kellha l-kmand u responsabbiltà tal-bastiment M/T Turu, mingħajr ma tagħmel referenza għal xi evidenza li tressqet u li setgħet twassal għal dan il-konvinċiment tagħha.

L-Ewwel Qorti waslet għal dan il-konvinċiment meta qieset li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet qiegħda tikkomunika ma' KS Shipping Malta Limited rigward il-bastiment u li din tal-aħħar kienet qiegħda tilqa' n-notifiki u qatt ma kkontestat tali notifiki. Għalkemm mill-provi jirriżulta li KS Shipping Malta Limited kellha r-rappreżentanza tal-ekwipaġġ, ma jirriżultax li kellha r-rappreżentanza wkoll tal-bastiment. B'hekk jiġi li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ rappreżentanzi. L-appellanti tisħaq dwar din id-distinzjoni meta b'referenza għax-xhieda ta' Keith Murphy, rappreżentant ta' KS Shipping Malta Limited, jirriżulta li din il-kumpanija ma kinitx l-aġent tal-bastiment, jew kienet responsabbli għall-bastiment, iżda kienet tagħti biss servizzi ta' *crewing,* kif ukoll tieħu ħsieb is-sigurtà u l-*wellbeing* tal-istess *crew members.*

Tissokta tgħid li għalhekk jekk il-persuna li bi żball tgħaddi sabiex tinnotifika persuna li m'għandhiex rappreżentanza tal-bastiment, kif ukoll il-persuna li taċċetta n-notifika, tonqos meta taċċetta tali notifika u ma tgħaddihiex lir-rappreżentant xieraq ma jfissirx li dan l-iżball jiġi sanzjonat jekk il-kriterji tal-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** baqgħu ma ġewx sodisfatti.

L-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta sejset id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li Keith Murphy, direttur ta' KS Shipping xehed li meta niżel l-aħħar membru tal-ekwipaġġ f'Diċembru tas-sena 2018, huwa għadda ċ-ċwievet lill-kumpanija attriċi appellanti, bħala prova li KS Shipping kellha l-kmand tal-bastiment. Iżda Dr. Robert Vassallo, rappreżentant tal-istess Awtorità xehed li ċ-ċwievet kienu għand is-soċjetà attriċi appellanti li ntalbet sabiex iġġib iċ-ċwievet u tiftaħ l-ispazji interni sabiex jitilgħu n-nies abbord il-bastiment. Għalhekk l-Ewwel Qorti warrbet ir-raġunijiet għala l-Awtorità ma kellhiex tikkunsidra lil KS Shipping Limited bħala l-aġent tal-bastiment M/T Turu. Tgħid li fid-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti ma tagħmilx referenza għall-fatt li s-sistema adottata mill-istess Awtorità għat-Trasport f'Malta bl-isem "*Portnet Malta"* li tivverifika min hu l-aġent tal-bastiment M/T Turu kienet tindika lill-kumpanija appellanti u mhux KS Shipping Malta Limited. Minflok, l-Ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li huma kkunsidraw lil KS Shipping Malta Limited bħala l-aġenti

hekk kif din qatt ma oġġezzjonat jew irrifjutat il-komunikazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità.

Il-kumpanija appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tispjega b'mod sodisfaċenti kif KS Shipping Malta Limited kellha tiġi kkunsidrata li kellha l-kmand tal-bastiment u b'hekk taqa' taħt it-tifsira ta' Kaptan skont l-**Att dwar L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**. Lanqas ġie determinat b'mod sodisfaċenti li KS Shipping Malta Limited kienet l-aġent tal-bastiment, peress li jinsab aċċertat minn diversi xhieda li l-uniku aġent tal-bastiment kienet il-kumpanija attriċi appellanti. Ġaladarba KS Shipping Malta Limited ma setgħetx tiġi kunsidrata bħala l-Kaptan tal-bastiment M/T Turu u lanqas bħala l-aġent tal-istess bastiment, meta hija rċeviet in-notifika tal-bejgħ bl-irkant, ma ġewx osservati l-elementi tal-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Għalhekk ma jistax jiġi kkunsidrat li l-bastiment M/T TURU ġie notifikat b'mod validu kif meħtieġ mil-liġi.

(iv) Ir-**<u>raba' aggravju</u>** huwa dwar l-apprezzament ħażin tal-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li skont il-kumpanija appellanti wettqet l-Ewwel Qorti. Tirreferi għall-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti li n-notifiki tal-avviż għall-bejgħ bl-irkant kienu skont il-liġi ladarba saru bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u fil-Gazzetta tal-Gvern. Madankollu, twarrab għalkollox il-fatt li kien hemm ksur tad-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Diċembru 2018, fejn ġie ordnat li: "*bl-avviż jiġi/u notifikat/a/i d-debitur/i/ d-debitriċi u l-kreditur eżekutant, il-kuraturi, il-kunsinnatarju,* ***<u>il-kredituri l-oħra</u>*** *u l-irkantatur pubbliku".* L-appellanti ssostni li dan id-digriet ingħata skont l-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** sabiex jiżgura li jkun hemm tħaris għalkollox ma' dak li għandu x'jaqsam ma' proċedura jew sabiex tikseb tagħrif aktar dettaljat, jew sabiex jitħaffu jew jiġu faċilitati l-proċeduri, jew sabiex jiġi evitat li partijiet jew xhieda jidhru għalxejn. L-appellanti ssostni li ġaladarba ngħatat din l-ordni (u mhux sempliċi suġġeriment) mill-Qorti, li ma tħarisx u l-ebda notifika ma ħarġet lill-appellanti ma jistax jingħad li n-notifiki saru skont il-liġi. Dan jista' joħloq preċedent perikoluż hekk kif persuna li ma tobdix u ma timxix ma' digriet tal-Qorti xorta titqies li mxiet mal-liġi. Wieħed ma jistax joqgħod fuq ix-xhieda ta' Keith Murphy, fis-sens li kulħadd kien jaf x'kien qiegħed jiġri, ċjoè, li kien hemm il-bejgħ bl-irkant tal-bastiment, bħala raġuni għala ma saritx in-notifika skont id-digriet tal-Qorti. Dan wassal għall-konsegwenza li l-appellanti, bħala kreditriċi, baqgħet ma ġietx notifikata dwar il-bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU u saret taf biss b'dawn il-proċeduri wara li sar il-bejgħ bl-irkant.

21. Trattati l-aggravji mqanqla mill-kumpanija attriċi appellanti, imiss li din il-Qorti tindirizza l-aggravji hawn qabel esposti.

22. Għal dak li huma l-**ewwel żewġ aggravji**, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' KS Shipping Malta Limited u tad-Direttur Ġenerali (Qrati) li mhumiex leġittimi kontradditturi.

23. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-integrità tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta. Ara f'sens konformi l-ħsieb traċċjat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et*** tal-5 ta' Ottubru, 2001.

24. Fir-rigward tal-**ewwel aggravju** din il-Qorti tqis li l-kumpanija appellanti għandha raġun f'dan l-aggravju. Permezz ta' din l-azzjoni qiegħda tiġi attakkata l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant għar-raġuni li qiegħed jiġi allegat li n-notifika ma saritx skont il-liġi. Il-kumpanija appellanti qiegħda titlob mhux biss li jitħassar il-bejgħ bl-irkant u l-liberazzjoni, kif ukoll li l-proċedura ssir mill-ġdid, iżda qiegħda titlob ukoll li hija titħallas għad-danni li tgħid li hija ġarrbet.

25. Lil hemm mill-fatt li kien meħtieġ lill-kumpanija attriċi tipprova d-danni li jingħad li ġarrbet, u minkejja li huwa minnu li l-kumpanija KS Shipping Malta Limited ma pparteċipatx fil-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU, hija laqgħet in-notifika li nħarġet mill-Awtorità

eżekutanti, bħala "*aġent tal-bastiment intimat*" (ara paġna 2 fl-atti tal-bejgħ bl-irkant 18/2018). Il-punt mill-aktar dibattut f'dan il-każ huwa, jekk dik in-notifika maħruġa mill-Awtorità eżekutanti, milqugħa mir-rappreżentant ta' KS Shipping Malta Limited kinitx waħda valida.

26. Ġaladarba l-Ewwel Qorti straħet fuq il-validità tan-notifika milqugħa minn KS Shipping Malta Limited, bħala aġent tal-bastiment M/T TURU, għall-fini tal-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant, u allura in rappreżentanza tal-bastiment innifsu, li huwa d-debitur eżekutat, din il-Qorti tqis li ma jagħmilx sens jingħad li l-kumpanija KS Shipping Malta Limited mhix leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet attriċi. Isegwi li tabilħaqq jeżisti n-ness meħtieġ, sabiex jingħad li bejn il-partijiet hemm konnessjoni mal-oġġett tal-kawża.

27. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li filwaqt li fil-mument tan-notifika KS Shipping Malta Limited aċċettat l-atti fil-vesti ta' "*aġent tal-bastiment intimat*", u ma jirriżultax li hija qatt ikkontestat tali notifika, fil-mori tal-proċeduri odjerni hija tikkontendi li qatt ma kienet "*aġent tal-bastiment intimat*", iżda kellha biss "*manning agreement*" sabiex tipprovdi l-ekwipaġġ għall-bastiment. Għaldaqstant jista' jkun rilevanti wkoll li tiġi mistħarrġa l-imġiba ta' KS Shipping Malta Limited, kemm għal dik li hija validità tan-notifika sabiex ikunu jistgħu jitqiesu t-talbiet attriċi fis-sħiħ u kif ukoll għat-talba għad-danni, jekk ikun il-każ.

28. M'għamlitx sew għalhekk l-Ewwel Qorti li ħelset lil KS Shipping Malta Limited mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dan naturalment ma jfissirx li l-fatt li kellha tiġi miċħuda din l-eċċezzjoni preliminari ta' KS Shipping Malta Limited, allura t-talbiet attriċi fil-mertu se jintlaqgħu fil-konfront tagħha. Dan irridu narawh meta jiġu eżaminati l-aggravju l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-mertu.

29. Imiss li jiġi indirizzat **it-tieni aggravju** tal-appellanti, li permezz tiegħu l-kumpanija appellanti tilmenta li d-Direttur Ġenerali (Qrati) ma kellux jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Jitqies li skont l-**Artikolu 57(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** id-Direttur Ġenerali tal-Qrati huwa fost affarijiet oħra, responsabbli għall-amministrazzjoni tar-reġistri u għas-servizzi tal-Qorti u l-uffiċċji amministrattivi l-oħra kollha tal-qrati.

30. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-18 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet ***Stephen Spiteri v. Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza et*** u mir-rassenja tal-ġurisprudenza hemm elenkata, huwa minnu li din l-eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut, normalment tintlaqa', fejn l-imġiba li dwarha jkun qiegħed jitressaq l-ilment ikun marbut mal-operat tal-qrati u fejn tkun qiegħda tiġi mistħarrġa t-tmexxija tal-proċediment ġudizzjarju min-naħa tal-ġudikant.

Madankollu, fejn l-ilment jew l-azzjoni attriċi hija dwar l-imġiba ta' uffiċjal tal-qrati, jew nuqqas fil-qadi ta' obbligazzjoni imposta fuq uffiċjali tal-Qorti, skont il-liġi, jista' jkun li allura jkun hemm lok li d-Direttur konvenut iwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi.

31. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, din il-Qorti qiegħda tikkunsidra li ladarba qiegħda tiġi attakkata l-proċedura ta' bejgħ bl-irkant u li din ma saritx skont il-liġi u ladarba l-liġi timponi fuq ir-Reġistratur (uffiċjal li għalih huwa responsabbli d-Direttur konvenut) bl-obbligazzjoni dwar il-forma tal-avviż tal-bejgħ bl-irkant (ara **Artikolu 313 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), allura jkun utli li dan il-konvenut għandu jkun ukoll jibqa' parti fil-proċeduri.

32. Wara kollox, l-għan wara dawn il-proċeduri mhix biss li tattakka l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant u li treġġa' lura s-sitwazzjoni għal dak li kienet qabel ma nħareġ l-att eżekuttiv għall-bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU, iżda wkoll li l-kumpanija attriċi appellanti titħallas kumpens għad-danni allegatament imġarrba minnha konsegwenza ta' nuqqasijiet fil-proċedura inkwistjoni. Jinżel b'hekk li d-Direttur konvenut huwa leġittimu kontradittur. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jintlaqa'.

33. Dan iwassalna għat-**<u>tielet aggravju</u>** tal-kumpanija attriċi appellanti, li permezz tiegħu qed tgħid li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-liġi meta qieset li n-notifiki saru kif titlob il-liġi.

34. Jitqies xieraq li fil-qosor issir referenza għall-fatti li wasslu għall-proċeduri tal-lum, kif ukoll dawk tal-bejgħ bl-irkant bin-numru 18/2018:

> (i) Għall-perjodu **bejn it-3 ta' Diċembru, 2015 u l-21 ta' Ġunju, 2016**, il-kumpanija attriċi Mediterranean Trading Shipping Co Limited tat is-servizzi ta' aġenzija lill-bastiment M/T Turu.
>
> (ii) Permezz ta' sentenza mhux appellata, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fit-**23 ta' Lulju, 2018**, il-kumpanija attriċi Mediterranean Trading Shipping Company Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tal-Bastiment M/T TURU u ta' Petroplus Limited, *in solidum* bejniethom fl-ammont ta' €117,712.68, bl-imgħaxijiet mid-data ta' kull fattura u l-ispejjeż ibatuhom il-konvenuti *in solidum* bejniethom.
>
> (iii) Permezz ta' sentenza mhux appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-**29 ta' Awwissu, 2018**, l-Awtorità konvenuta għat-Trasport f'Malta, ġiet kanonizzata kreditriċi tal-Bastiment M/T TURU, fl-ammont ta' €43,344.45 barra l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet legali.
>
> (iv) Permezz ta' rikors tas-**26 ta' Novembru, 2018**, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, filwaqt li għamlet referenza għat-titlu eżekuttiv u l-mandat ta' arrest tal-bastiment ippreżentat minnha fil-konfront tal-imsemmi bastiment, talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna l-bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU u taħtar persuna sabiex għall-finijiet tal-**Artikolu 36 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili (Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta)** jittrasferixxi l-istess bastiment bħallikieku kien l-istess proprjetarju tal-bastiment, u dan meta l-istess bastiment jiġi liberat favur l-ogħla offerent.
>
> (v) Il-kumpanija KS Shipping Malta Limited tqabbdet mill-International Transport Workers Federation sabiex tieħu ħsieb l-ekwipaġġ tal-bastiment M/T TURU wara li dan il-bastiment ġie abbandunat mis-sidien. Għalkemm mhux ċar minn meta ngħataw iċ-ċwievet lil KS Shipping Malta Limited u minn min, dawn iċ-ċwievet baqgħu f'idejn KS Shipping Malta Limited sa **Diċembru, 2018**, meta ċ-ċwievet ġew mgħoddija lis-soċjetà attriċi.
>
> (vi) Permezz tad-digriet tat-**18 ta' Diċembru, 2018**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u appuntat

data ħin u lok għall-bejgħ bl-irkant tal-bastiment kif mitlub, permezz ta' irkantatur pubbliku hemm imsemmi u ħatret ukoll persuna għall-fini tal-**Artikolu 36 tal-Kap. 234**. Fl-istess digriet ġie ordnat ukoll, li l-avviż jiġi notifikat/a/i d-debitur/i/d-debitriċi u l-kreditur eżekutant, il-kuraturi, il-kunsinnatarju, il-kredituri l-oħra u l-irkantatur pubbliku.

(vii) Fil-**21 ta' Diċembru, 2018** KS Shipping Malta Limited ġiet notifikata bir-rikors u avviż tas-smigħ tal-bejgħ bl-irkant.

(viii) Ġie ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-**21 ta' Diċembru, 2018**, dwar l-imsemmi digriet tal-Qorti bid-dettalji tal-bejgħ bl-irkant, kif ukoll f'żewġ gazzetti lokali tad-**29 u tat-30 ta' Diċembru, 2018**.

(ix) Fis-**16 ta' Jannar, 2019**, f'nofsinhar, il-bejgħ bl-irkant inżamm u sar skont ir-rapport tad-Deputat Reġistratur Marvic Farrugia, fejn il-bastiment ġie liberat *tale quale* favur is-soċjetà konvenuta appellata Pendennis Co Limited għall-prezz ta' €35,000.

(x) Permezz ta' ċedola ta' depożitu tal-**21 ta' Jannar, 2019,** ġiet depożitata s-somma ta' €35,000, sabiex tagħmel tajjeb għall-bejgħ bl-irkant u sabiex tiġi żbankata minn min għandu jedd għaliha skont il-liġi.

(xi) Il-kumpanija attriċi Mediterranean Trading Shipping Co Limited ressqet rikors fl-atti tal-bejgħ bl-irkant fit-**22 ta' Jannar, 2019**, fejn talbet li jiġi mħassar u jiġi annullat il-bejgħ minħabba użu ta' fatti ħżiena (l-indikazzjoni ta' KS Shipping Limited bħala aġent tal-bastiment) u nuqqas ta' proċeduri marbuta man-notifiki skont il-liġi.

(xii) Permezz tad-digriet tat-**12 ta' Frar, 2019**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba ta' Mediterranean Trading Shipping Co Limited peress li t-talba kif proposta ma saritx bil-proċedura idoneja sabiex jitħassar il-bejgħ ladarba l-irkant kien seħħ u l-bastiment ġie liberat favur is-sid il-ġdid. B'hekk it-talba fil-mertu hekk kif imressqa ma kinitx ġiet deċiża mill-Prim'Awla.

(xiii) Sadanittant sar rikors mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fil-**31 ta' Lulju, 2019**, sabiex tkun awtorizzata tiżbanka s-somma ta' €35,000 depożitata mir-Reġistratur u dan akkont tas-somma dovuta lilha.

(xiv) Saret oġġezzjoni għat-talba tal-Awtorità mill-kumpanija Mediterranean Trading Shipping Co Limited (l-attriċi appellanti), peress li saħqet li l-kreditu dovut lilha jgawdi minn privileġġ speċjali li jwassal għall-ħtieġa li jsir konkors tal-kredituri, filwaqt li saret referenza wkoll li fid-**9 ta' Awwissu, 2019** tressqu l-proċeduri tal-lum.

(xv) Wara din l-oġġezzjoni, l-Awtorità ma baqgħetx tinsisti fuq l-iżbank u qieset li jkun opportun li tiġi deċiża din il-kawża qabel jiġu żbankati l-flus depożitati u/jew iseħħ konkors ta' kredituri.

(xvi) Dan wassal lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex fiċ-ċirkostanzi tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tar-rikors ta' żbank.

35. Il-bejgħ bl-irkant bil-Qorti ta' ħwejjeġ mobbli huwa wieħed mill-atti eżekuttivi li bih tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi, fosthom sentenzi tal-Qorti (**Artikolu 273(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)**. Għalkemm il-provvediment tal-liġi li jaħseb kif jistgħu jiġu attakkati atti eżekuttivi huwa l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, madankollu peress li ma tressqux eċċezzjonijiet mill-konvenuti dwar ir-ritwalità tal-proċedura adottata fil-każ taħt eżami, il-Qorti sejra tissokta billi tqis l-appell (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Grazia Spiteri et v. Bryan Theuma*** u dik tal-24 ta' April, 2015, fl-ismijiet ***Henry sive Harry Braithwaite v. Avukat William Cuschieri nomine***). Wara kollox, ir-rimedju maħsub taħt l-istess **Artikolu 281** huwa mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt l-istess liġi jew xi liġi oħra.

36. Illi l-aggravju tal-kumpanija attriċi appellanti jiċċentra fuq in-nuqqas ta' notifika valida skont l-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jipprovdi kif isiru n-notifiki f'każ ta' azzjoni kontra bastiment, billi jsemmi l-persuni li jistgħu jaċċettaw notifika f'każ ta' azzjoni kontra bastiment. Madankollu, f'dan il-każ, mhux qiegħda tiġi attakkata s-sentenza li biha l-Awtorità ġiet kanonizzata bħala kreditriċi tal-bastiment M/T TURU. In-notifika li l-kumpanija appellanti qiegħda titlob l-

istħarriġ tagħha hija dik fil-kuntest ta' att eżekuttiv, jiġifieri fil-bejgħ bl-irkant.

37. Huwa minnu li permezz tad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Diċembru, 2018, li bih ġie appuntat jum, ħin u lok għall-bejgħ bl-irkant tal-bastiment, ġie ordnat ukoll, li l-avviż jiġi notifikat/a/i d-debitur/i/d-debitriċi u l-kreditur eżekutant, il-kuraturi, il-kunsinnatarju, il-kredituri l-oħra u l-irkantatur pubbliku. Iżda ma jirriżultax mil-liġi li n-notifika tad-debitur jew ta' kredituri oħra hija meħtieġa taħt piena ta' nullità tal-bejgħ bl-irkant (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Lulju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Peter sive Pierre Falzon et v. Francis Mamo et*** li tinsab appellata).

38. Kif osservat ukoll f'dik is-sentenza, dak li titlob il-liġi fl-**Artikolu 313(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa biss li r-reġistratur jippubblika regolarment f'żewġ gazzetti, waħda bil-lingwa Maltija u l-oħra bil-lingwa Ingliża, listi tal-bejgħ fl-irkant li jkunu ser isiru, u fihom jindika b'mod ċar il-ħwejjeġ b'dak il-mod li l-pubbliku jkun infurmat sew sabiex l-interessi tal-partijiet jitħarrsu. F'dan il-każ, din il-pubblikazzjoni f'żewġ gazzetti li trid il-liġi, saret mir-reġistatur, kif jirriżulta mill-atti tal-bejgħ bl-irkant numru 18/2018 (ara paġni 18 u 19 ta' dawk l-atti).

39. L-istess **Artikolu 313(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi wkoll li d-debitur, il-kreditur jew persuni oħra interessati jistgħu jippubblikaw u jinfurmaw, bi spejjeż tagħhom, kull bejgħ partikolari f'liema gazzetta jridu jew ixandru dan fi kwalunkwe mezz ieħor ta' xandir. Dan kollu jfisser għalhekk li n-nuqqas ta' notifika individwali tal-avviż tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju lid-debitur u lill-kredituri oħra, ma jwassalx b'daqshekk għan-nullità tal-bejgħ bl-irkant kif tippretendi l-kumpanija appellanti.

40. F'kull każ, fir-rigward tan-notifika tal-bastiment debitur, m'hemmx kontestazzjoni li fost il-persuni msemmija fil-liġi li f'idejh tista' ssir notifika tal-bastiment bl-atti jew proċeduri legali huwa l-Kaptan jew kull min jaqdi d-dmirijiet ta' Kaptan (ara **Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Fil-kuntest tat-tifsira mogħtija lill-kelma "Kaptan", għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti b'*lapsus* għamlet referenza għall-**Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta)** li ċertament ma japplikax għall-każ taħt eżami ġaladarba l-bastiment mhux wieħed li kien jintuża għas-sajd), b'danakollu effettivament hija siltet it-tifsira mogħtija mill-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta)**.

41. Jiġifieri, "*"kaptan" tfisser, meta użata dwar xi bastiment,* ***<u>il-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu għal dak</u>***

***iż-żmien**, iżda ma tinkludix bdot*" (enfasi ta' din il-Qorti). Mhuwiex kontestat li mill-provi fl-atti jirriżulta li r-rappreżentant tas-soċjetà KS Shipping Malta Limited, Keith Murphy, xehed li l-kumpanija rappreżentata minnu kienet tagħti s-servizzi meħtieġa lill-ekwipaġġ tal-bastiment u ma kinitx l-aġent tal-bastiment.

42. Madankollu, mill-provi rriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo, in rapprezentanza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, tad-9 ta' Frar, 2021, li:

> «*...jiena bħala rappreżentant tal-Awtorità kont involut fil-każ sħiħ tal-bastiment Turu. Il-bastiment Turu kien bastiment li spiċċa abbandunat fil-portijiet Maltin. Kien hemm mandat ta' arrest tas-soċjetà Med Trading Company Limited, tajjeb li wieħed jirrileva li dik is-soċjetà qatt ma għamlet xejn biex tieħu ħsieb il-bastiment u mbagħad kienet arrestatu l-awtorità, mexxiet il-każ, ottjeniet titlu eżekuttiv u mexxiet is-subbasta.*
> *...*
> *…**dak iż-żmien meta konna qegħdin nagħmlu...naħsbu għas-subbasta konna nikkomunikaw mal...ma' Keith Murphy li kien qiegħed jieħu ħsieb il-bastiment hu. Meta kien hemm bżonn inċaqilqu l-bastiment minn postu minħabba li kien irmiġġjat** ġo... mal-moll jismu Boiler Wharf...u dak il-moll huwa wżat mill-awtorità anke għal ...meta jiġu Malta l-cruise liners, emm... **is-sur Murphy kien jimxi mad-direzzjoni tal-awtorità u jċaqlaq il-bastiment**.*
>
> *...**Keith Murphy** milli niftakar jien kien imqabbad mill-owners... mis-sidien tal-bastiment preċedenti. Kien jieħu ħsieb il-bastiment hu ... **għamel ċertu żmien jieħu ħsieb il-bastiment hu. Hekk kien magħruf mal-awtorità**."* (enfasi ta' din il-Qorti).

43. Din ix-xhieda li, ma ġietx kontradetta, hija importanti għaliex minnha jirriżulta b'mod ċar għala l-Ewwel Qorti kellha raġun tqis li l-kumpanija kellha l-kmand tal-bastiment jew kienet inkarigata minnu għal ċertu żmien, għall-fini tan-notifika.

44. Tant hu hekk, li x-xhieda ta' Keith Murphy tikkonferma l-verżjoni tar-rappreżentant tal-Awtorità konvenuta, li ċ-ċwievet tal-bastiment kienu f'idejh sakemm niżel l-aħħar baħri minn fuq il-bastiment u dan f'Diċembru, tas-sena 2018. Isegwi li meta sar il-mandat ta' Arrest tal-Bastiment M/T TURU fil-11 ta' Lulju, 2018 mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, dan il-Mandat ġie debitament notifikat lill-kumpanija KS Shipping Malta Limited u meta sar ir-rikors tas-26 ta' Novembru, 2018, mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-bejgħ bl-irkant tal-bastiment M/T TURU, u tħallset in-notifika relattiva, dawn saru bin-notifika lill-KS Shipping Malta Limited

45. Mhux daqstant ċar jekk meta effettivament saret in-notifika lil KS Shipping Malta Limited bir-rikors, u avviż smigħ tal-bejgħ bl-irkant fil-21 ta' Diċembru, 2018, iċ-ċwievet kinux għadhom għand KS Shipping Malta Limited. Madankollu, jitqies li l-Awtorità konvenuta appellata kienet qiegħda tagħmel użu mill-proċeduri mogħtija bil-liġi sabiex bħala kreditur tissodisfa l-kreditu tagħha u dan b'rieda tajba fil-limiti tad-dritt mogħti liha bil-liġi.

46. Il-fatt li meta KS Shipping Malta Limited laqgħet in-notifiki maħruġa lilha mill-Awtorità, bħala aġent tal-bastiment, u ma rrifjutatx jew m'għarrfitx lill-Awtorità, li hija ma kellhiex dak ir-rwol m'għenux is-

sitwazzjoni. Madankollu, minkejja li jirriżulta li KS Shipping Malta Limited ma kinitx l-aġent tal-bastiment, daqstant f'għajnejn din il-Qorti ma hemmx dubju li l-istess KS Shipping Malta Limited kienet inkarigata mill-bastiment, jew kellha l-kmand tiegħu, kif riżultanti mill-provi. Għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti dwar il-validità tan-notifika li saret lil KS Shipping Malta Limited kif meħtieġ mil-liġi skont l-**Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** msemmi qabel.

47. Barra minn hekk, lanqas ireġi l-argument tal-kumpanija attriċi appellanti li mis-sistema ta' Portnet Malta kellu jirriżulta lill-Awtorità konvenuta li hija kienet fil-fatt l-aġent tal-bastiment. Dan jingħad peress li għalkemm tressqet il-prova li KS Shipping Malta Limited fil-fatt ma kinitx l-aġent tal-bastiment M/T Turu, ma tressqitx prova konvinċenti li mill-istess sistema jirriżulta li kienet Mediterranean Trading Shipping Co Limited li kienet l-aġent tal-bastiment inkwistjoni.

48. Imbagħad, fil-kuntest tal-ilment tal-kumpanija attriċi appellanti dwar in-nuqqas ta' notifika lilha bħala kreditriċi tal-bastiment M/T TURU, huwa minnu li f'Diċembru tas-sena 2018, jiġifieri ftit jiem qabel ma sar il-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-bastiment, KS Shipping Malta Limited għaddiet iċ-ċwievet lill-kumpanija attriċi appellanti. Din il-Qorti iżda għandha dubji serji kemm is-soċjetà attriċi appellanti ma kinitx taf dwar il-bejgħ bl-irkant

tal-bastiment, peress li kif kostatat mill-Ewwel Qorti, Murphy xehed li dan il-bejgħ bl-irkant kien "*talk of the town*". Iżda, f'kull każ, il-kumpanija attriċi appellanti, bħala kreditriċi li kellha f'idejha ċ-ċwievet tal-bastiment, li ntalbet mill-Awtorità tagħti aċċess lill-irkantatur u lin-nies għal fuq il-vapur, qajla ħadet l-interess li tara sew x'inhu jiġri sabiex tissalvagwardja l-kreditu tagħha! Kien fl-interess tal-kumpanija attriċi appellanti stess, li tinforma ruħha dwar l-iżviluppi li kienu qegħdin iseħħu u mhux tippretendi li jkun hemm notifika speċifika għaliha tal-proċeduri bil-bejgħ bl-irkant, li kif rajna mhix meħtieġa mil-liġi.

49. Isegwi li t-tielet aggravju ma jistax jirnexxi u ser jiġi miċħud.

50. Ngħaddu issa għall-**<u>aħħar aggravju</u>**, dak fejn il-kumpanija attriċi appellanti ssostni li sar ukoll apprezzament ħażin mill-Ewwel Qorti tal-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fil-verità dan l-aggravju tal-appellanti wkoll m'għandu l-ebda mertu. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li n-notifiki tal-avviż għall-bejgħ bl-irkant saru skont il-liġi bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u fil-Gazzetta tal-Gvern hija msejsa fuq l-**Artikolu 313 tal-istess Kodiċi**, kif spjegat qabel f'din is-sentenza (u mhux fuq l-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

51. Din il-Qorti ma taqbilx li d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Diċembru, 2018, fejn intlaqgħet it-talba tal-Awtorità għall-bejgħ bl-irkant tal-bastiment ingħata skont l-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. L-imsemmi artikolu tal-liġi msemmi mill-appellanti jirregola ordnijiet tal-Qorti jew digrieti mogħtija fil-mori ta' proċeduri jew kawżi quddiem il-Qorti u mhux fil-kuntest ta' digriet mogħti b'rabta ma' bejgħ bl-irkant. Dan jinsab mill-fatt li fl-imsemmi artikolu jingħad ukoll: *«Din id-dispożizzjoni tapplika f'kull stadju tal-proċedimenti qabel ma tingħata s-sentenza. Appell minn dawk l-ordnijiet jew direttivi, meta dawn huma appellabbli, jista' jsir biss wara s-sentenza finali u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawk l-ordnijiet jew direttivi ma jistgħux jiġu kkontestati qabel ma tingħata s-sentenza finali*.» (sottolinjar ta' din il-Qorti).

52. Għalkemm huwa minnu li d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Diċembru, 2018, ordna li ssir notifika lil numru ta' persuni, fosthom id-debitur u l-kredituri l-oħra, kif spjegat qabel dan id-diġriet mhuwiex wieħed li jirriżulta dettat mil-liġi. Għalhekk, minkejja li l-Awtorità setgħet naqset milli timxi mal-ordni tal-Qorti dan in-nuqqas mhuwiex wieħed li jġib bħala konsegwenza n-nullità tal-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant kif tippretendi l-kumpanija attriċi appellanti.

53. L-uniku avviż meħtieġ mil-liġi fir-rigward tal-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant sabiex l-interessi tal-partijiet jiġu protetti huwa dak maħsub fl-**Artikolu 313 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jiġifieri li r-reġistratur jippubblika f'żewġ gazzetti, waħda bil-lingwa Maltija u l-oħra bil-lingwa Ingliża, listi tal-bejgħ fl-irkant li jkunu ser isiru, u fihom jindika b'mod ċar il-ħwejjeġ b'dak il-mod li l-pubbliku jkun infurmat sew. Ġaladarba l-provvediment tal-liġi, fil-każ taħt eżami, ġie debitament osservat, lanqas dan l-aggravju ma jista' jkun ta' fejda u għalhekk ser jiġi miċħud ukoll. Isegwi li l-azzjoni mressqa mill-kumpanija attriċi appellanti fil-qofol tagħha ma tistax tirnexxi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-ewwel żewġ aggravji tal-kumpanija attriċi u għalhekk f'dan is-sens tibdel is-sentenza appellata sa fejn ħelset lil dawn iż-żewġ konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju u minflok tiċħad kemm l-eċċezzjoni preliminari ta' KS Shipping Malta Limited, kif ukoll tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati dwar l-illeġittimità passiva tagħhom. Mill-bqija, **tiċħad** l-appell tal-kumpanija appellanti Mediterranean Trading Shipping Co Limited fil-mertu, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha tagħha.

L-ispejjeż marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari għandhom jitħallsu mill-konvenuti KS Shipping Malta Limited kif ukoll mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati rispettivament, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-mertu fiż-żewġ istanzi, inklużi dawk tal-kuraturi deputati, għandhom jitħallsu kollha mill-kumpanija Mediterranean Trading Shipping Co Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm